**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Joseph Mifsud B.A. (Legal & Int. Rel.), B.A. (Hons), M.A. (European), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bernard Charles Spiteri)**

**vs.**

**Peter Paul Mercieca**

Kaz Numru: 352/2015

Illum 22 ta' Settembru 2015

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Peter Paul Mercieca**, iben Edgar u Carmela nee' Grima, imwieled fit-23 ta' April, 1969, residenti fil-fond Coral, Triq it-Tigrija, Nadur u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 12769(G), akkuzat talli nhar is-26 ta' Mejju 2015 u qabel din id-data fir-residenza Coral, Triq it-Tigrija, Nadur, Ghawdex:

1. Kellu f'dan il-fond jew fil-pussess tieghu arma tan-nar minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;

2. Aktar talli fil-gimgha ta' qabel is-26 ta' Mejju 2015, fl-istess residenza ngurja jew hedded lil martu bi kliem.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-kwerelanta ghazlet li ma tixhidx kontra zewgha kif ghamel hu fiz-zewg kawzi l-ohra (numri 20 u 21 fil-lista tal-lum) fejn il-kwerelanta kienet imputata u dan invista tal-obbligazzjoni li ghamlu fil-konfront ta' xulxin:

"*L-imputat qed jobbliga ruhu li ma jimmolestax jew jivvessa lil Parte Civile. Il-Parte Civile in vista ta' din l-obbligazzjoni qed tirrinunzja ghal azzjoni Kriminali u taghzel li ma tixhiedx.*"

Il-Prosekuzzjoni ddikjarat li ma kelliex provi aktar xi tressaq hlief l-affidavit ta' PS 1233. L-arma li jinsab akkuzat dwarha l-imputat ma kinetx esebita formalment waqt is-smiegh tal-kaz izda l-qorti kkoncediet li din tkun esebita permezz ta' nota wara s-seduta tal-llum.

L-imputat ghazel li ma jixhidx izda permezz tal-avukat difensur spjega li l-arma kienet wahda antika, tal-kollezzjonisti u ma tintuzax.

Il-Qorti hadet inkonsiderazzjoni ukoll li l-imputat obbliga ruhu li fejn ikun hemm nuqqas ta' qbil bejn il-koppja ghandhom ifittxu li jsolvu dan b'mod civili u anke l-fatt li nvista tal-obbligazzjoni li saret il-kwerelanta rrinunzjat ghal dak rinunzjabbli fil-konfront tal-imputat u ghazlet li ma tixhidx.

Il-Qorti ghamlitha cara mal-imputat li hi prekluza bl-Artikolu 61 tal-Kap 480 li tapplika xi provediment tal-Att dwar il-Probation jew Artikolu 21 tal-Kap 9 <u>jekk tinstab htija dwar l-ewwel (1) imputazzjoni.</u>

Il-Qorti kkunsidrat li l-Prosekuzzjoni qablet dwar il-piena mad-difiza fejn l-imputat ghandu jitwiddeb u jkun imcanfar flok ikun liberat fejn tidhol l-ewwel imputazzjoni. U dan minhabba kif zviluppa l-kaz fejn ghajr ghall-affidavit ta' PS 1233 ma kienx hemm aktar provi fl-atti tal-kawza u dan l-affidavit wahdu ma jwassalx biex tinstab htija.. L-i*Statement* li jissemma' fl-affidavit li ttiehed lill-imputat ma kienx esebit fil-kawza u l-pulizija ma ressqet l-ebda prova li l-imputat ma kellux licenzja ghal arma tan-nar.

Il-Qorti hadet inkonsiderazzjoni tal-atti u d-dokumenti fil-kawza.

Il-Qorti rat artikolu 5(2) fejn jipprovdi li "*Kull min jikser l-artikolu 5(1) ikun hati ta' reat u* ***jista'*** (enfasi tal-Qorti), *meta jinsab hati, jehel prigunerija ghal zmien mhux inqas minn tliet xhur u mhux izjed minn hames snin.*

*Iżda meta l-kundanna jkollha x'taqsam ma' pussess ta' armi regolari jew munizzjon ġewwa xi fond jew il-ksur jitqies bħala wieħed żgħir ħafna mill-Qorti, u wara li titqies xi tkun il-kwantità jew il-kwalità tal-armi tan-nar jew tal-munizzjon il-Qorti tkun sodisfatta li dawn ma kienux qegħdin hekk jinżammu għall-bejgħ jew għal xi xorta ta' negozju ieħor jew inkella biex isir użu minnhom kontra l-liġi, il-ħati* ***jista'*** (enfasi tal-Qorti) *jeħel multa ta' mhux anqas minn sitt mija u tmienja u disgħin euro u wieħed u tmenin ċentezmu (698.81) jew prigunerija għal żmien mhux iżjed minn tliet xhur jew dik il-multa u prigunerija flimkien.*"

**Decide:**

Il-Qorti qeghda twissi u twiddeb lill-imputat dwar il-fatt li kellu arma tan-nar tip *air gun*, anke jekk hi arma antika, u dan inkonnessjoni mal-ewwel (1) imputazzjoni u ma ssibux hati tat-tieni (2) imputazzjoni ghax ma tirrizultax.

Il-Qorti rat artikolu 23(3) tal-Kap 9 u tordna l-konfiska tal-arma u munizzjon esebit fil-kawza avvolja il-prosekuzzjoni ma talbitx dan fit-tahrika u lanqas ressqet prova li din l-arma kienet fil-pussess tal-imputat minghajr licenzja tal-pulizija, u dan il-Qorti qeghda taghmlu ghaliex thoss li s-socjeta' ghandha tkun hielsa minn armi fl-idejn..

______________________________

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**